Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9972 — Neste/Bunge Loders Croklaan Oils)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 402/07)

1. Fit-18 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Neste Oyj ("Neste", il-Finlandja),

— Bunge Loders Croklaan Oils B.V. ("Bunge Loders Croklaan Oils", in-Netherlands).

Neste takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Bunge Loders Croklaan Oils li jinsabu fin-Netherlands. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Neste: ir-raffinar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' karburanti tat-traffiku ta' kwalità għolja u b'emissjonijiet baxxi, li jipproduċu kemm fuels fossili kif ukoll fuels rinnovabbli. Neste bħalissa għandha u tħaddem impjant ta' produzzjoni ta' fuel rinnovabbli f'sit maġenb Bunge Loders Croklaan Oils,

— Bunge Loders Croklaan Oils: produzzjoni u assi relatati (assi ta' tagħbija / ħatt, tankijiet tal-ħażna, u raffinerija għaż-żjut veġetali u d-derivattivi tagħhom) li jinsabu fil-port ta' Rotterdam, u l-persunal relatat, eskluż xiri ta' materja prima u ftehimiet ta' forniment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9972 — Neste/Bunge Loders Croklann Oils

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.